# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**(President)**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 25 ta' Frar, 2021.**

**Numru 10**

**Rikors numru 168/17/2 AL**

**Clayton Delia**

**v.**

**Claire Agius f'isimha proprju u bħala kuratriċi *ad litem* ta' binha Mikhail Agius u Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

1. Il-konvenuta appellat mis-sentenza tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni tal-Familja tat-28 ta' Frar 2020 li biha laqgħet it-talbiet tal-attur li kienu jinkludu talba sabiex jiġi dikjarat li hu l-missier naturali tat-tifel li twieled f'Jannar 2017.

2. Kienet ġa' ngħatat sentenza fid-19 ta' April 2018 li laqgħet it-talbiet tal-attur. Fil-proċeduri l-konvenuta kienet kontumaċi. Madankollu b'sentenza tad-9 ta' Mejju 2019 il-Qorti tal-Appell irrevokat is-sentenza

tad-19 ta' April 2018 u bagħtet l-atti lura quddiem l-ewwel Qorti sabiex tkompli bis-smigħ tal-kawża. F'dik is-sentenza din il-Qorti rraġunat:

> *"17. Din il-Qorti, wara ezami tal-atti, tosserva li ma kienx korret u legalment validu dak maghmul fl-udjenza tat-22 ta' Frar 2018, jigifieri li wara li l-kawza kienet diga` giet differita ghat-22 ta' Mejju 2018 ghall-prezentata tan-nota tal-attur, kompliet tisma' l-kawza "aktar tard" u halliet il-kawza ghad-19 ta' April 2018 ghas-sentenza, u l-allegazzjoni tal- konvenuta u l-avukat taghha li huma ma kinux prezenti ghal din l-ahhar parti tal-verbal hija verosimili u wkoll issib konfort fil-fatt li fit-13 ta' Marzu 2018 il-konvenuta pprezentat rikors fejn, minbarra li ssenjalat li hi ma kinitx prezenti, talbet inter alia l-opportunita` li tiggustifika l-kontumacja taghha.*
>
> *"18. Inoltre, l-ewwel Qorti ttrattat u ddecidiet il-kwistjoni tal-kontumacja fl-istess sentenza appellata li fiha ttrattat u ddecidiet il-meritu, b'nuqqas manifest ta' dak li jiddisponi l-Artikolu 158 [10] li, fil-kaz li l-konvenut ikun kontumaci –*
>
>> *"Il-Qorti ghandha, madankollu, qabel ma taghti s-sentenza, taghti lill-konvenut zmien qasir li ma jistax jiggedded biex fih jaghmel sottomissjonijiet bil-miktub biex jiddefendi ruhu kontra t-talba tal-attur. Dawk is-sottomissjonijiet ghandhom jigu notifikati lill-attur li jkollu zmien qasir biex jirrispondi".*
>
> *"19. Dan, l-ewwel Qorti m'ghamlitux, bir-rizultat li l-konvenuta sabet ruhha milquta' b'decizjoni li dwarha mhux biss ma kinitx inghatat l-opportunita` li tressaq provi u sottomissjonijiet dwar il-gustifikazzjoni tal-kontumacja, izda talli ma nghatatx l-opportunita` li taghmel is-sottomissjonijiet taghha dwar il-mertu; b'hekk gie vjolat dak li jiddisponi tassattivament l-artikolu fuq citat u wkoll il-principju audi alteram partem".*

3. B'rikors preżentat fit-13 ta' Marzu 2020 il-konvenuta appellat mis-sentenza tal-ewwel Qorti tat-28 ta' Frar 2020 bl-aggravju jkun fir-rigward tal-kap tal-ispejjeż. F'dik is-sentenza l-ewwel Qorti ddeċidiet li l-konvenuta għandha tħallas l-ispejjeż ġudizzjarji kollha tal-kawża.

4. L-aggravju spjegatu b'dan il-mod:

> *"Illi l-appellanta ma taħti xejn għall-kontumaċja tagħha u għandha r-raġunijiet validi tagħha għaliex kienet kontumaċi, hekk kif titlob il-Liġi.*

*Dan l-appellanta hija lesta li tispjegah taħt ġurament bil-fatti kollha li taw lok għal tali sitwazzjoni. Għalhekk semmai l-appellanta titlob lil din l-Onorabbli Qorti tal-Appell (Superjuri Ċivili) sabiex tikkunsidra d-deċiżjoni tal-Prim Istanza dwar l-ispejjeż li żgur m'għandhiex tinkorrihom hi.*

*"L-appellanta stenniet li peress li l-kawża kienet tħalliet għas-sentenza għad-dsatax (19) t'April 2018, l-Onorabbli Qorti tiddiferixxi l-kawża għall-ġurnata oħra sabiex hija tkun tista' tiġġustifika l-kontumaċja kif titlob il-Liġi wara kollox.*

*"Fil-fatt l-appellanta ingħatat kopja tar-risposta ġuramentata tagħha mill-konsulent legali tagħha mingħajr din la kienet iffirmata u lanqas datata. L-appellanta ħadet l-impressjoni li l-avukat tagħha kien wieġeb għat-talbiet tal-attur u kwindi għar-rikors ġuramentat u b'hekk l-appellanta mingħaliha li din ir-risposta ġiet ippreżentata fir-Reġistru tal-Qorti.*

*"L-appellanta saret taf bid-dikjarazzjoni tal-Qorti li hija kontumaċi fis-27 ta' Frar 2018 u dan kif intqal fil-premess sar b'kumbinazzjoni.*

*"L-appellanta ssostni illi hija m'għandhiex tinżamm responsabbli għall-ispejjeż stante illi hija dejjem ħadet id-direzzjoni tal-avukat tagħha u ma kien qatt it-tort jew nuqqas da parti tagħha illi ma rrisponditx l-ittra uffiċjali u l-eventwalita' tar-risposta għar-rikors promotur.*

*"Illi l-Qorti tal-Prim Istanza kif presjeduta mill-Imħallef Abigail Lofaro għamlet apprezzament ħażin tal-kontumaċja stante illi fl-ebda stadju ma tat ċans lill-appellanta sabiex tiġġustifika l-kontumaċaj tagħha u dan bi ksur għad-dritt tal-appellanta għal audi alteram partem"*.

5. Wara li l-Qorti qrat l-atti, tagħmel dawn l-osservazzjonijiet:

i. Dak li ġara quddiem l-ewwel Qorti qabel ingħatat l-ewwel sentenza (19 ta' April 2018) ma baqax rilevanti, għaliex bis-sentenza tad-9 ta' Mejju 2019 din il-Qorti ħassret is-sentenza tal-ewwel Qorti. F'dik is-sentenza din il-Qorti għamlitha ċara dwar x'kellu jsir quddiem l-ewwel Qorti ladarba l-atti jerġgħu jkunu quddiemha. Għalhekk ir-riferenza li għamlet il-konvenuta għal dak li ġara fis-27 ta' Frar 2018 u 19 ta' April 2018 hu irrilevanti.

ii. Wara s-sentenza tad-9 ta' Mejju 2019 li biha din il-Qorti laqgħet l-appell tal-konvenuta u ħassret is-sentenza tal-ewwel Qorti tad-19 ta' April 2018, il-konvenuta ma ressqitx provi quddiem l-ewwel Qorti sabiex tiġġustifika l-kontumaċja tagħha. Fil-fatt kull ma sar kien li fis-seduta tal-20 ta' Novembru 2019 l-ewwel Qorti tat żmien lill-konvenuta sabiex tippreżenta nota ta' sottomissjonijiet u l-kawża kienet differita għas-seduta tat-30 ta' Jannar 2020. Mill-verbal hu evidenti li n-nota ta' sottomissjonijiet kellha tiġi ppreżentata a bażi tal-Art. 158(10) tal-Kap. 12 li ssemma wkoll fis-sentenza ta' din il-Qorti tad-9 ta' Mejju 2019. Mill-atti ma jirriżultax li l-konvenuta ipprotestat għal dik l-ordni li ngħatat mill-ewwel Qorti waqt is-seduta tal-20 ta' Novembru 2019.

iii. Il-konvenuta ippreżentat nota ta' sottomissjonijiet, fejn fost'affarijiet oħra għamlet argumenti dwar x'wassal għall-kontumaċja u wkoll tat il-verżjoni ta' fatti kif tafhom hi dwar il-mertu tal-kawża. Fis-seduta tat-30 ta' Jannar 2020 il-Qorti ordnat l-isfilz ta' dik il-parti tan-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuta fejn tat il-verżjoni tal-fatti, u ħalliet il-kawża għas-sentenza. Ma jirriżultax li dakinhar jew fil-perjodu *interim* sakemm ingħatat sentenza, il-konvenuta pprotestat li l-kawża tħalliet għas-sentenza. L-istess jingħad fis-seduta li fiha ngħatat is-sentenza (28 ta' Frar 2020) li għaliha attendiet id-difensur tagħha (ara verbal).

iv. Quddiem din il-Qorti, il-konvenuta ma ressqitx provi sabiex tiġġustifika l-kontumaċja tagħha quddiem l-ewwel Qorti.

v. Hu fatt li wara s-sentenza li din il-Qorti tad-9 ta' Mejju 2019 ir-rikors li l-konvenuta ppreżentat fit-13 ta' Marzu 2018 quddiem l-ewwel Qorti, fejn fost affarijiet oħra talbet li tiġġustifika l-kontumaċja, baqa' ma ġiex deċiż.[1] Madankollu l-konvenuta appellat biss fuq il-kap tal-ispejjeż. Fil-fatt it-talba fir-rikors tal-appell hi sabiex din il-Qorti tħassar dik il-parti tas-sentenza *"...... fejn jirrigwarda l-kap tal-ispejjeż filwaqt illi tikkonferma l-kumplament tas-sentenza fejn ġie ddikjarat l-attur bħala l-missier bioloġiku tal-minuri Mikhail Agius"*.

6. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet, il-prinċipju ġenerali hu li l-ispejjeż għandha tagħmel tajjeb għalihom il-parti li titlef (Art. 223 tal-Kap. 12). F'dan il-każ ma jidhirx li hemm rebbieħ u tellief għaliex il-konvenuta qiegħda issa taċċetta li l-attur għandu jiġi reġistrat bħala l-missier naturali tat-tifel.

7. F'dan il-każ mill-atti jirriżulta li fit-3 ta' Marzu 2017 l-attur ippreżenta ittra uffiċjali kontra l-konvenuta fejn a tenur tal-Art. 86 tal-Kodiċi Ċivili sejħilha sabiex *"... tiddikjara fi żmien xahrejn il-qbil tiegħek sabiex issir l-imsemmija reġistrazzjoni"*, ċioe` li l-attur hu l-missier naturali tat-tifel. It-tweġiba li ngħatat mill-konvenuta tissemma f'ittra legali datata 30 ta' Marzu 2017 li fiha qalet:

> *"In segwitu għall-ittra tal-konsulent legali tiegħek tat-3 ta' Marzu 2017, mill-klijenta tieghi inwieġba fit-22 ta' Marzu 2017, fejn tlabna għall-*

[1] Dik it-talba kienet ġiet ikkonsidrata mill-ewwel Qorti fis-sentenza finali tad-19 ta' April 2018 li pero` tħassret minn din il-Qorti b'sentenza tad-9 ta' Mejju 2019.

*proposti dwar il-Filjazzjoni tal-minuri Mikhail. Ninfurmak li sal-lum għadna ma rċevejniex tweġiba mingħandhom. Għan-nom ta' Ms Agius nistenna tweġiba bil-proposti tiegħek".*

8. Il-konvenuta ma tatx it-tweġiba kontemplata fl-Artikolu 86 tal-Kodiċi Ċivili. Inoltre mill-provi li hemm fl-atti l-attur ma ngħatax tweġiba definittiva dwar jekk il-kovenuta taqbilx li l-attur jiġi reġistrat bħala l-missier naturali tat-tifel. Ġialadarba mhemmx prova li l-konvenuta għamlet xi dikjarazzjoni fis-sens li jrid l-Art. 86 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti ma tlumx lill-attur li fil-11 ta' Lulju 2017 ippreżenta l-kawża ta' paternita. Fiċ-ċirkostanzi l-konvenuta Agius għandha tagħmel tajjeb għall-ispejjeż ġudizzjarji.

Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell tal-konvenuta bl-ispejjeż kontriha, u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tiġi notifikata lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>President | Tonio Mallia<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm